**30 ta' Settembru, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Anthony Cutajar

**Traffiku — "Third Party Risks" — "Special Reasons" — Appell — Piena — Art. 3 tal-Kap. 165.**

*Hu veru illi fil-liġi dwar l-assikurazzjoni tal-vetturi tal-mutur għar-riskji tat-terzi persuni ma hemm xejn stabbilit li l-Qorti, meta tapplika skwalifika milli wieħed jieħu jew ikollu liċenzi tas-sewqan għal żmien anqas minn dak li tippreskrivi l-istess liġi, għandha tgħid liema kienu ċ-ċirkustanzi*

*li nduċewha tirriduċi l-perijodu tal-iskwalifika; imma hu sommament desiderabbli li r-raġuni speċjali li għaliha l-Qorti tordna dik ir-riduzzjoni tkun dikjarata fis-sentenza.*

*Jekk l-Ewwel Qorti tkun applikat id-diskrezzjoni tagħha fis-sens ta' riduzzjoni tal-perijodu tal-iskwalifika, mhix 'praxis' tal-Qorti tal-Appell li tiddisturba dik id-diskrezzjoni, meta din ġiet eżerċitata bla oppressjoni jew inġustizzja manifesta u fil-limiti tal-liġi.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Prosekuzzjoni quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra ċ-ċitat Anthony Cutajar, talli St. Andrews, fit-18 ta' Ġunju 1961, f'xi s-1.50 a.m., saq car numru 18998 (1) b'ġiri aktar milli jmissu, (2) naqas jipproduċi l-liċenza tas-sewqan u l-polza tas-sigurtà skond il-liġi; (3) barra minn dan, għamel użu mill istess car mingħajr ma kienet koperta bil-po'za tas-sigurtà jew garanzija dwar riskji ta' terzi persuni skond id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 165, u għaldaqstant il-Prosekuzzjoni talbet li jiġi skwalifikat li jkollu jew jieħu ebda liċenza tas-sewqan għall-perijodu ta' tnax il-xahar jew aktar, skond l-art. 3(2) tal-istess Ordinanza;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-14 ta' Lulju 1961, li biha sabitu ħati tal-ewwel u tat-tielet reati, u kkundannatu għal £2 ammenda għall-ewwel reat, u £5 għat-tielet reat; iżda, minħabba ċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ, ordnat li huwa jiġi skalifikat milli jieħu jew ikollu ebda liċenza tas-sewqan għal żmien tliet xhur;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, limitatament però għall-parti tagħha li biha sabitu ħati li saq karrozza mingħajr ma kienet koperta b'po'za tas-sigurtà skond il-liġi, u kkundannatu għall-multa ta' £5 u għas-sospensjoni tal-liċenzi tiegħu tas-sewqan għal żmien tliet xhur;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Hu veru li min biegħ il-car lill-appellant qal'u li kien

hemm polza tas-sigurtà li tkoprieh sat-Tnejn ta' wara, 19 ta' Ġunju 1961, b'mod li, kieku dan kien veru, is-sewqan tal-car il-Ħadd, 18 ta' Ġunju 1961, ma kienx ikun kriminus kif imputat lill-appellant; iżda l-liġi in materja ma tirrikjedi ebda "scienter" speċjali; u barra minn hekk, l-appellant seta' jeżiġi, kif kien dritt u dmir tiegħu li jeżiġi, li jara l-polza. Fil-fatt, ma kienx veru li l-car kien assigurat għat-"third party risks" sat-Tnejn. Ma hemmx bżonn jingħad kemm, speċjalment bl-intensità straordinarjament awmentata tat-traffiku stradali, jeħtieġ li kull car ikun assigurat għat-"third party risks", sabiex l-infortunat ma jibqgħax bla riżarċiment. L-intervall żgħir bejn meta l-appellant xtara l-car u meta hu stess mar jassigurah ma hux importanti, għaliex seta' faċilment ta l-każ li lill-appellant ġralu infortunju stradali, bi ħsara tat-terzi, anki malli ħareġ isuq l-ewwel ġurnata li xtara l-car. Għalhekk, iċ-ċirkustanza li fuqha hu bażat l-appell ma tiswiex għall-meritu;

In kwantu għall-kwistjoni l-oħra, dwar jekk dik iċ-ċirkustanza hijiex valevoli bħala "special reason" għas-sens tal-art. 3 tal-Kap. 165, biex jiġi ridott il-perijodu statutorju ta' sena skwalifika, din il-kwistjoni hi prattikament eliminata, għaliex fil-fatt l-Illustrissimu Maġistrat deċidenti in prima istanza rriduċa t-terminu minn sena għal tliet xhur. Veru hu li fis-sentenza appellata l-Maġistrat qal biss "minħabba ċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ". Issa, f'din il-liġi, a differenza ta' dak li jingħad fl-art. 23A. tal-Kodiċi Kriminali, ma hemmx stabbilit li l-Qorti għandha tgħid liema hija li-"special season" li tkun induċietha tnaqqas il-perijodu tal-iskwalifika; iżda b'dan kollu din il-Qorti, kif presjeduta, taħseb li "va da sè" li r-raġuni speċjali għandha tiġi dikjarata fis-sentenza, sabiex ikun żgurat li dik kienet verament raġuni kif għandha tkun, ċjoè "special to the facts which constituted the offence, and not one which was special to the offender as distinguished from the offence"; u anki sabiex ikun hemm lok għall-formazzjoni kontrollabbli ta' ġurisprudenza informattiva in propożitu. Għalhekk, l-Imħallef sedenti jirrileva li hu sommament deżiderabbli li r-raġuni speċjali "tkun dikjarata fis-sentenza": : in konferma ta' dan jidhirlu li hu utili jiċċita dawn il-kliem taċ-Chief Justice Lord Goddard fil-kawża "Rex vs. The Re-

corder of Leicester", riportata fil-paġ. 8 tat-test "Special Reasons" ta' Blake Carn, 1951 edition:— "Before however, parting with this case, I do want to make another observation. We know that the Recorder removed the disqualification in this case. He says that he does and that he thinks that he can do it. The Act says that it can be done only for special reasons, but he nowhere tells us the reasons. I desire to say that, in any opinion, it is most important and I do hope that not only Courts of summary jurisdiction, but all Courts, will take notice of this...... that if they are going to exercise the power which they have got of not endorsing a licence or not suspending a licence for special reasons, they would state what the special reasons are which lead them to exercise it";

Kif ingħad, f'dan il-każ il-Maġistrat eżerċita d-diskrezzjoni tiegħu u rriduċa l-perijodu tas-sospensjoni minn sena għal tliet xhur. Hu ma qalx liema kienu li-"special seasons" li kienu għab-bażi tar-riduzzjoni; imma, għad li hu ferm deżiderabbli li jingħadu, eppure din il-Qorti, peress li taħseb li fil-każ verament tikkonkorri li-"special reason", fis-sens li l-appellant seta' kien żvijat mill-bejjiegħ kif fuq ingħad, għalhekk sejra ssostni dik ir-riduzzjoni; imma ma żżidiex aktar fis-sens li tirriduċi aktar (kif talbet id-difiża) il-perijodu tas-sospensjoni, għaliex ma hix "praxis" ta' din il-Qorti li tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti. meta din ġiet eżerċitata bla oppressjoni jew inġustizzja manifesta, u fil-limiti tal-liġi;

Għal dawn ir-raġunijiet, u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, din il-Qorti tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-perijodu tal-iskalifika jibda jgħodd minn nhar it-Tnejn, 2 ta' Ottubru 1961.